**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Illum 24 ta' Mejju, 2016.**

**Rikors Numru: 344/2015 CSH**

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. (C8692)**

**vs**

**John Bugeja (328766M), Natalya Gennadiyivna Chyrkova (EH810137) u Fisherman's Rest Ltd. (C54754)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Novembru, 2015 fejn is-socjeta' attrici tablet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' erbat elef u zewg Ewro (€4002) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament konsenjata lilhom, solidalment bejniethom.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mahruga ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 (Nru. 821/2015) u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament. L-ittra ufficjali 821/2015 hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok. AMS01.

Rat illi l-konvenuti John Bugeja, Natalya Chyrkova u Fisherman's Rest Ltd. kienu debitament notifikati skond riferta pozittiva tal-Marixxal John Francica datata 22 ta' Jannar 2016 fejn thalliet kopja tar-rikors promotur u tal-avviz tas-smiegh fil-Kunsill Lokali u fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun (fol.13 tergo).

Rat illi l-konvenuti kienu wkoll notifikati bir-rikors u bl-avviz tas-smiegh permezz tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' Frar, 2016 (fol. 12) kif ukoll permezz tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali 'The Malta Independent' tas-16 ta' Marzu, 2016 (fol. 16).

Rat illi fis-6 ta' April, 2016 xehed **Marvin Sapiano** ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici. Ix-xhud qal li huwa jokkupa l-kariga ta' Credit Manager mas-socjeta' attrici. Ikkonferma li huma kienu pprezentaw kawza fil-konfront tal-konvenut John Bugeja kif ukoll ta' Natalya Chyrkova nhar is-16 ta' Novembru 2015 fejn kienu qeghdin jitolbu s-somma ta' erbat elef u zewg Ewro (€4002) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilhom. Inoltre kkonferma li minn meta gietipprezentata l-kawza sal-lum il-konvenuti m'ghamlu l-ebda pagament. Lanqas ma hallsu l-ittra ufficjali li s-socjeta' tieghu ipprezentat fil-konfront taghhom.

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2016 s-socjeta' konvenuta ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti wara semghet lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba rikorrenti u tikkundanna lill-konvenuti John Bugeja (Karta tal-Identita' numru 328766M), Natalya Gennadiyivna Chyrkova (EH 810137) u Fisherman's Rest Ltd. (C54754) jhallsu lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' erbat elef u zewg Ewro (€4002).**

**Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali mahruga ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (821/2015) u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament.**

**Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**
**Deputat Registratur**